# *Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Tmien Legislatura

### *Laqgħa numru 31*

***18 t' Ottubru 2017***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier
Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġiji* (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *31.1 Is-sitwazzjoni fil-Marsa*

31.1.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li din il-laqgħa urġenti aċċetta li ssir wara li din ġiet mitluba mill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer u għalhekk qed jistiednu jagħmel l-intervent tiegħu. Hawnhekk il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer qal li bħal ħafna Marsin oħra qed jħossu li qed jiġi abbandunat mill-awtoritajiet u li l-laqgħa li ġiet skedata mall-Prim Ministru għas-7 ta' Diċembru qegħda fil-bogħod wisq u sa dakinhar jista jkunu saru aktar avvenimenti ghad detriment tal poplu marsi.

31.1.2 IL-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li l prezenza tal puluzja fit toroq mhux bil karozzi imma bil pass, fit toroq bhall ma kienu qed isiru. Dawn waqfu issa, u ma ghadux isir bhall ma kienu jiccekjaw id dokumenti, hemm bżonn li l-Kunsill jara x'passi jridu jittieħdu sabiex l-vuċi tal-Marsin li eleġġewhom ikun stmat. Problema kbira li qed jara huwa li l-għassa tal-Marsa qed tkun magħluqa ghal ħinijiet twal mil-ġurnata, specjalment fil hin ta filghaxja meta jibdew jingabru u jixorbu jiskru u jittantaw in nies jaghmlu storbju u burdell u li dan mhux aċċettabli għal Kunsill tal Marsa.

31.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa għandhu proposti konkreti x'iressaq lill-membri l-oħra tal-Kunsill sabiex dawn il-problemi jiġu ndirizzati. L-ewwel tkun li meta il-Kunsill jiltaqgħa mall-Prim Ministru jinfurmaħ li filwaqt li d-dgħajjes bl-immigranti naqsu ferm f'dawn l-aħħar snin, hemm ħafna immigranti li qed jiġu Malta bil-katamaran bid dokumenti lesti mill Italja u l-liġi tgħidlek li jekk m'għandekx fejn toqgħod u min jaghmilek tajjeb jew ghandek min ihadmek trid tmur lura fil-pajjiż li ġejt minnu.

31.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li proposta oħra għandha tkun li l-għassa m'għandiex titħalla vojta, jew li jkun hemm pulizija mara jew ragel wahdu, jew Pulizija li huma rekluti ġodda, imma Pulizija bl-esperjenza u jafu l-affarijiet kif għandhom isiru dan ghax jista ikun anki ta detriment ghal l-istess puluzija

31.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li ħadt m'għandu jitħalla jorqod barra għaliex il-poplu Marsi qed jiddejjaq jara immigranti fil-ġonna pubbliċi li sippost jintużaw għat-tfal, iżda minflok jaraw immigranti jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom barra quddiem kulħadt bla misthija quddiem it tfal.

31.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit irrimarka li l-Pulizija tal-lokal ilhom tlett xhur bla karozza. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li meta mar għall-laqgħa mall-Kummissarju tal-Pulizija qallu dwar il-fatt li l-għassa tkun magħluqa, iżda l-Kummissarju ċaħad li dan huwa minnu. Madanakollu, l-Viċi Sindku baqa' jinsisti li hemm provi ċari li l-għassa verament qed tkun magħluqa f'xi ħinijiet tal-ġurnata.

31.1.7 Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit qal li l-għassa għandha tkun miftuħa dejjem u li tkun mgħammra b'dak kollu li hemm bżonn jekk kemm il-darba dan l-influss ta' immigranti ser jippersisti.

31.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab li RIU għandhom jagħmlu bażi fil-Marsa u jibdew jitilqu minn hawn sabiex ikun hemm rondi kontinwi u sabiex jiċċekjaw d-dokumenti tal-immigranti bl-istess mod ta' kif qed isir fiż-żona ta' Birzebbugia u ta' Hal Far.

31.1.9 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi tenna li l-Marsa għandha tiġi meqjusa fuq il-livell ta' Paceville f'dak li huwa s-sigurta' tal-lokal.

31.1.10 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-għassa tal-lokal għandha tkun waħda distrettwali. Madanakollu, l-Kunsill m'għandux il-poteri li jżid s-sigurta' fil-lokal, għaliex dan huwa fil-kompetenza tal-korp tal-Pulizija. Is-Sindku s-Sur Francis Debono rrimarka li ċertu affarijiet ma jistgħux jissolvew fuq livell ta' Kunsill. Fil-fatt is-Sindku ta' eżempju fejn dan l-aħħar ċempel il-119 u bdew jgħidulu biex jċempel 119 meta fuq il-karozzi tal-RIU hemm miktub ċar li trid iċċempel 112.

31.1.11 Fl-aħħarnett, fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer, kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekkuttiv għandhu jerġa jinforma l-Uffiċju tal-Prim Ministru li l-laqgħa li hija skedata għas-7 ta' Diċembru mhux accetabli u ghanda isir b`urgenza minhabba il krizi li jinsab fiha l lokalita tal Marsa u mhux aktar tard mill-aħħar ta' dan ix-xahar. Kien hawnhekk li l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jekk din it-talba ma tintlaqgħax mill-Prim Ministru huwa lest ipoġġi l-karti tar-riżenja tiegħu fuq il-mejda minħabba l-gravita' tas-sitwazzjoni u dan ghalix il kunsill bhala gvern lokali mhux jigi stmat u lanqas ikalkulat. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit qal li lest jagħmel l-istess u nforma lill-Membri tal-Kunsill li jekk din il-laqgħa ma tintlaqgħax lest li jmur fil-midja.

## *31.2 Tmiem tal-laqgħa*

31.2.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

kkonfermata llum 25 t' Ottubru 2017